

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jiġi applikat għas-salarji u għall-pensjonijiet tar-rikorrenti l-aġġustament ta' 0 % għas-sena 2011 previst fir-Regolament (UE) Nru 422/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU 2014, L 129, p. 5), u l-aġġustament ta' 0,8 % għas-sena 2012, previst fir-Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU 2014, L 129, p. 12), u min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbu minħabba dawn id-deċiżjonijiet.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*
- 2) *Ir-rikorrenti għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*
- 3) *Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 146 tal-4.5.2015 (kawża rreġistrata inizjalment quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-31/15 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali fl-1.9.2016).

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Wahlström vs Frontex**

(Kawża T-591/16) (<sup>1</sup>)

**(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Frontex — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Dmir ta' premura — Użu ta' rapport ta' evalwazzjoni annwali — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà — Spejjeż — Ekwità — Artikolu 135(1) tar-Regoli ta' Proċedura”)**

(2019/C 82/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Kari Wahlström (Espoo, il-Finlandja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

**Konvenuta:** L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (rappreżentant: H. Caniard u S. Drew, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Rikors ibbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2015 li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal temporanju fi ħdan il-Frontex u, min-naħa l-oħra, għal kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrent bħala riżultat tat-telf konsegwenti tas-salarju u tat-telf tad-drittijiet għall-pensjoni korrispondenti.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 251, 11.7.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-21/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).